32004R0277

L 47/20 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 18.2.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 277/2004

tas-17 ta' Frar 2004

li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' addittiv fl-għalf ta' l-annimali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tikkonċerna l-addittivi fl-għalf ta' l-annimali ([1]), kif emendata l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1756/2002 ([2]), u partikolarment l-Artikolu 3 u l-Artikolu 9d(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 70/524/KEE tipprovdi li l-ebda addittiv ma jista' jkun imqassam mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Komunità.

(2) L-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524 jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-Komunità għal addittiv fl-għalf ta' l-annimali.

(3) Skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1353/2000 ([3]), l-użu ta' l-enzima 3-phutase, prodott mill-Aspergillus niger (CBS 114.94), hu diġà awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien għall-kategoriji ta' l-annimali ta' qżieqeż, ħnieżer tas-simna, ħnieżer nisa, tiġieġ tas-simna u tiġieġ li huma mrobbijin biex ibidu.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2316/98 ([4]) awtrorizza proviżorjament dan l-addittiv għal dundjani tas-simna.

(5) F'Ġunju 2003 informazzjoni ġdida ġiet ippreżentata mill-produtturi biex issostni applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien għal dan l-addittiv għal dundjani tas-simna.

(6) Il-valutazzjoni ta' din l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-użu ta' dan l-addittiv għad-dundjani tas-simna turi li l-kondizzjonijiet previsti fid-Direttiva 70/524/KEE għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ġew sodisfatti.

(7) Għalhekk l-użu ta' dan l-addittiv għad-dundjani għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

(8) Il-valutazzjoni ta' l-applikazzjoni turi li ċerti proċeduri għandhom ikunu rekwiżiti biex jipproteġu lill-ħaddiema mill-esposizzjoni għall-addittivi imniżżla fl-Anness. Din il-protezzjoni għandha tkun assigurata mill-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 fuq l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-haddiema fuq il-post tax-xogħol ([5]), kif emendata mir-Regolament(KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Food Chain u s-saħħa ta' l-annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preparazzjoni li tappartjeni għall-grupp "Enzimi" kif imniżżla fl-Anness hija awtorizzata biex tintuża bħala addittiv għall-għalf ta' l-annimali, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 Frar 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 270, 14.12.70, p. 1.
([2]) ĠU L 265, 03.10.02, p. 1.
([3]) ĠU L 155, 28.06.00, p. 15.
([4]) ĠU L 289, 28.10.98, p. 4.
([5]) ĠU L 183, 29.06.89, p. 1.
([6]) ĠU L 284, 31.10.03, p. 1.

L-ANNESS

Nru (jew Nru tal-KE)	Addittiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategoriji ta' annimali	Età massima	Minimu Kontenut	Massimu Kontenut	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem tal-perjodu ta' l-awtorizazzjoni
					Għalf komplet ta' l-annimali			
"Enzimi								
E 1600	3-phytase KE 3.1.3.8 (Natuphos FTU-8)	Preparazzjoni ta' 3-phytase prodott mill-*Aspergillus niger* (CBS 114.94) li għandhom attività minima ta': Forma solida: 5 000 FTU (1)/g Forma ta' likwidu: 5 000 FTU/ml	Dundjani tas-simna	—	250 FTU	—	1. Fl-istruzzjonijiet dwar l-użu ta' l-addittiv u t-taħlita preliminari, indika t-temperatura tal-ħażna, it-tul taż-żmien tal-ħażna,, u l-istabbilità ta l-addittiv ma' l-għalf. 2. Id-doża rakkomandata għal kull kilo ta' għalf ta' l-annimali: 500 FTU. 3. Għall-użu f'għalf kompost li jkun fih iktar minn 0,23 % fosfru veġetali.	Mingħajr limitu ta' żmien

(1) 1 FTU hija l-ammont ta' enzima li jillibera 1 mikromol ta' fosfat inorganiku kull minuta mis-sodju veġetali b' pH 5,5 u 37 °C."